**7 ta' Diċembru, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic. Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Abela

*versus*

L-Onor. Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Perit Legali – Nomina ta' – Leġittimu Kontradittur – Liberazzjoni mill-osservanza – Prim'Ministru – Ministru ta' l-Intern – Kummissarju tal-Pulizija**

*Ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn allega li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kien ġie vvjolat billi l-istess perit legali li kien ġie nnominat fl-atti ta' l-inkjesta kien ġie nnominat ukoll perit f'atti tal-kumpilazzjoni. Il-Prim'Awla illiberat lill-Prim Ministru, u l-Ministru ta' l-Intern mill-osservanza tal-ġudizzju u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li l-Prim Ministru ukoll kien leġittimu kontradittur f'kawża ta' din ix-xorta u kkonfermat fil-meritu.*

*Huma leġittimi kontradittur f' kawżi kostituzzjonali dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huma dawk li jkunu responsabbili għall-ksur u dawk li jistgħu jfornu rimedju. Inoltre fejn l-allegat ksur jikkonsisti fin-nuqqas ta' smigħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji huma ukoll leġittimi kontradittur dawk kolla li jkunu ħadu sehem fil-kawża.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Joseph Abela ppreżenta rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn espona illi huwa kien ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta talli fit-13 ta' Diċembru, 1985, f'Zejtun Road, Marsaxlokk, saq karrozza numru T-6044, fuq in-naħa ħażina tat-triq, b'manjiera traskurata, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila u billi ma ħarisx ir-regolament tat-Traffiku, u ħabat ma' karrozza ta' Michael Pace numru N-8808 u kkaġuna ħsara fiha ta' elf u seba' mitt lira (Lm1,700)

u kkaġuna l-mewt ta' l-istess Michael Pace;

Illi b'sentenza ta' l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati huwa ġie misjub ħati ta' l-imputazzjonijiet u kkundannat għal multa ta' elf mitejn u ħamsin lira (Lm1,250) u biex iħallas spejjeż tal-perizji ta' l-istess proċeduri u l-liċenzja tiegħu tas-sewqan ġiet sospiża għal żmien tmintax (18)-il xahar;

IL-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru, 1989, ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati;

Illi huwa ma kellux "a fair trial" għaliex ma ġiex iġġudikat minn qorti imparzjali għaliex din kienet diġa ppreġudikata kontra tiegħu u l-ħtija kienet diġa ġiet ippronunzjata qabel ma beda l-każ tiegħu;

Illi l-Maġistrat li kkonduċa l-inkjesta kien għoġbu jinnomina lill-avukat dottor Joseph Micallef Stafrace bħala perit legali u dan fir-rapport tiegħu rrakkomanda lill-Qorti biex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-istess rikorrenti Joseph Abela;

Illi meta dawn ittieħdu, l-istess Qorti tal-Maġistrati, fl-atti tal-kumpilazzjoni, reġgħet innominat lill-avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bħala Perit Legali. Illi b'daqshekk il-Qorti żbaljat għaliex dan, taħt iċ-ċirkostanzi, fuq l-istess provi ma setax jasal f'konkluzzjonijiet differenti minn dawk minnu espressi fir-rapport li kien għamel fl-inkjesta. Il-Qorti mbagħad akkoljiet, in toto, il-konkluzzjonijiet peritali u b'hekk ġie ppreġudikat Joseph Abela, ir-rikorrenti;

B'dan kollu, ir-rikorrenti sofra leżjoni fid-drittijiet

fundamentali tiegħu billi dak li ġara, b'din in-nomina jmur kontra l-artikolu 6 (i) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jgħid:

*"in the determination of his civil rights and obligations or any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

Bl-istess mod huwa sofra lezjoni tad-drittijiet tiegħu, imħarsa bl-artikolu 39 (c) tal-Kostituzzjoni;

Difatti fil-fattispecie tal-każ il-Qorti ma jistax jingħad li kienet waħda imparzjali stante li ġa kellha quddiemha ġudizzju ta' perit legali, ippronunzjat qabel ma beda l-każ tiegħu u l-istess perit legali wara reġa' ġie kkonfermat;

Ir-rikorrent konsegwentement talab lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jogħġobha tirrevoka u tannulla l-proċess li sar kontra tiegħu, stante li ma kienx "isarraf f'*fair hearing*" u li tagħti dawk il-provvedimenti, u ordnijiet kollha opportuni li jidhrilha xierqa biex tiġi rimedjata l-leżjoni sofferta fid-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

10. L-intimati rrispondew hekk;

(a) "Illi preliminarjament huma għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma ma jistgħux jitqiesu li huma l-leġittimi kontradITturi f'dawn il-proċeduri. L-esponenti ma għażlux il-perit legali; dina l-għażla saret mill-Maġistrat, għażla li l-esponent ma jindaħlux fiha u ma jistgħux jindaħlu

fiha. Illi għalhekk huma ma jistgħux jiġu miġjuba quddiem din il-Qorti bħala intimati biex iwieġbu għall-allegata vjolazzjoni li għaliha huma b'ebda mod ma huma jew jistgħu jkunu responsabbli, u għalhekk anqas ma jistgħu jiġu kkundannati jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa fir-rigward ta' istituzzjoni (il-Qorti tal-Maġistrati) li huma subordinati għaliha u li ma għandhomx kontroll fuqha;

(b) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess in vista tal-fatt li t-talba tar-rikorrent hija minnha nnifisha waħda konsegwenzjali għal xi talba oħra mentri ma hemm ebda tali talba oħra jsegwi neċessarjament li t-talba tar-rikorrent ma tistax tiġi milqugħa;

(ċ) Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jingħad li kwantu għall-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt sancit bl-artikolu 39 (c) tal-Kostituzzjoni li għalih għamel riferenza r-rikorrenti ma seta' kien hemm ebda tali ksur peress illi dak li sar fil-proċeduri kriminali sar skond il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u skond l-awtorità ta' l-istess liġi kif previst fl-artikolu 47 (7) tal-Kostituzzjoni. Inoltre l-Kostituzzjoni ta' Malta ma fiha ebda artikolu 39 (ċ);

(d) Illi, dejjem mingħajr preġudizzju in via preliminari, l-esponenti jinvokaw id-dispożizzjoni tal-proviso għall-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fis-sens illi fil-każ odjern hemm ċirkostanzi sufficjenti illi għandhom jissodisfaw lil din l-Onorabbli Qorti li hemm jew kien hemm disponibbli favur ir-rikorrent skond xi liġi oħra, mezzi xierqa ta' rimedji għall-ksur allegat minnu;

Di fatti, ir-rikorrenti jilmenta mill-fatt illi l-Maġistrat ta' l-Inkjesta kien innomina lil Dr. Joseph Micallef Stafrace bħala perit legali sabiex jirrelata dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, u mill-fatt illi mbagħad l-istess Qorti reġgħet ikkonfermat l-istess perit legali fil-kompilazzjoni;

(e) Illi r-rikorrenti kellu r-rimedju ordinarju u sempliċi tar-rikuża ai termini ta' l-artikolu 651 tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9) bil-mod u fiż-żmien kif hu stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għar-rikuża tal-periti fil-kawża ċivili, partikolarment kif kontemplat bl-artikoli 653-656 ta' l-istess Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 12), u, barra minn hekk, ir-rikorrenti ukoll seta' jitlob periti addizjonali (Art. 674 tal-Kap. 12);

(f) Illi l-esponenti jirreferixxu lil dina l-Onorabbli Qorti ukoll għall-prinċipju fundamentali u importanti kontemplat fl-Artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoè, illi "Min għandu jiddeċiedi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu";

Illi b'dak li ingħad hawn fuq, u fid-dawl tad-deċiżjonijiet kemm tal-Kummissjoni Ewropeja kif ukoll tal-Qorti Ewropeja, liġi li in prinċipju tipprovdi għan-nomina ta' espert wieħed biss, u għan-nomina ta' esperti adizzjonali jekk iseħħu ċerti kondizzjonijiet biss, b'ebda mod ma tmur kontra xi artikolu jew ieħor tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Espert jew perit nominat mill-Qorti, la huma xhud tal-Prosekuzzjoni u lanqas xhud tad-Difiża, imma jirrappreżenta lill-Qorti li tkun innominat bil-vesti u karatertisitċi stabbiliti bil-liġi ta' imparzjalità u indipendenza. Mhux biss, imma kemm

il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża għandhom il-fakoltà li jitolbu l-eżekuzzjoni tar-Rapport tal-Perit u jesaminawh bħal kwalunkwe xhud ieħor;

(h) Illi jiġi rrilevat illi d-disposizzjoni relattiva tal-Konvenzjoni Ewropeja tiggarantixxi d-dritt fundamentali għall-imparzjalità u indipendenza ta' Qorti jew Tribunal, imma mkien ma jissemmew esperti ossija periti legali. Bħala tali, meta, kif tajjeb osservat il-Kummisjoni Ewropeja fid-deċiżjoni tagħha rigward l-ammissibilità ta' l-applikazzjoni numru 8658 ta' l-1979 fl-ismijiet Helmut Bonisch *vs* Austria (D.R. 29 p.87) isegwi l-argument illi:

*"The Convention did not mention experts in express terms, and therefore they were not required to fulfil themselves any particular conditions or qualifications such as full independence or impartiality."*

B'sentenza tas-7 ta' Diċembru, 1989 dik l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet illi:

(a) illi l-Konvenzjoni Ewropeja saret parti mill-ordinament Malti fid-19 ta' Awissu, 1987 mentri għalkemm is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ngħatat fl-1 ta' Lulju, 1988, dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent ġara qabel it-30 ta' April, 1987;

(b) illi kemm l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja, jiddisponi illi l-Qorti, addita għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali, tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li tagħmel hekk, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat lilha mogħtija meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju

għall-ksur, jew huma, jew kienu disponibbli, favur ir-rikorrenti;

(ċ) illi anki kieku t-tieni nomina ta' l-istess perit legali, kellha tiġi kkonsiderata li kisret id-dritt għal "**fair trial**" tar-rikorrent, il-Qorti tħoss li m'għandha tagħti ebda direttiva għaliex skond l-artikolu 651 (1) tal-Kodiċi Kriminali dan jipprovdi illi l-periti maħtura mill-Qorti jistgħu jiġu rikużati għall-istess raġunijiet li għalihom jista' jiġi rikużat imħallef -(artikoli 466 (2) Kodiċi Kriminali u 734 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

(d) illi r-rapporti tal-periti legali ma jorbotx il-ġudikant, u l-istess Perit Ġudizzjarju mhuwiex ġudikant;

(e) illi l-prassi segwita mill-Qorti hija illi l-periti mqabbdin waqt l-inkjesta jerġa' jingħatalhom l-inkarigu waqt il-kompilazzjoni; u b'hekk huma jkunu soġġetti għall-eżami u l-kontro-eżami;

(f) illi, b'riferenza għall-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati – waqt li huwa sewwa li jingħad li l-ebda wieħed mill-Ministri ċitati ma huwa leġittimu kontradittur f'kawża li tirrigwarda l-kostituzzjonalità ta' xi parti mill-proċeduri quddiem il-qorti, u għalhekk huma għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, – il-Kummissarju tal-Pulizija huwa parti fl-istess proċeduri u għalhekk huwa hu l-leġittimu kontradittur tar-rikorrent;

(g) ir-rikorrenti interpona dan l-appell kontra dik is-sentenza, fuq dawn il-motivi;

(a) Illi l-Ministri ġew ċitati tajjeb għaliex il-Prim Ministru jirrapreżenta l-Istat li jrid jirrisponda f'każ ta' allegat ksur taddrittijiet fondamentali, u l-Viċi Prim Ministru bħala ministru tal-Intern għaliex l-allegat ksur "jaqa' taħt id-dipartiment li tiegħu huwa għandu l-amministrazzjoni";

(b) Illi billi l-lament tiegħu huwa illi r-riżultat finali talproċediment li għadda r-rikorrent kien kollu r-riżultat ta' ġudizzju li għaddieh il-periti legali mill-bidu nett, u fl-assenza tiegħu, f'liema ġudizzju però kien hemm dejjem preżenti l-pulizija li assistiet fid-direzzjoni tiegħu u għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma missiex għamlet użu mid-diskrezzjoni lilha mogħtija mill-artikolu 49 (2) tal-Kostituzzjoni;

L-initmati appellaw inċidentalment billi dehrilhom li ġew aggravati mill-fatt illi l-Kummissarju tal-Pulizija ġie ritenut,li huwa kontradittur leġittimu fir-rikors. Fis-sentenza appellata hemm ir-riliev illi kieku l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, meta l-kwistjoni kostituzzjonali ġiet sollevata quddiemha, irriferiet il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'dik il-proċedura l-Kummissarju kien ikun wieħed mill-partijiet u allura, jidher manifest li daqstant ieħor huwa parti f'dan ir-rikors - dan għaliex huwa ġie inkarigat mir-Repubblika biex imexxi l-proċeduri kontra r-rikorrent. - artikolu 4, Kap. 9. L-intimati jirrispondu illi altru dan il-każ ta' riferenza u altru parti bħala intimat biex jirrispondu għall-allegazzjoniji li tkun qegħda tiġi attribwita lilu, f'liema każ huwa jkun leġittimu kontradittur, anki biex jirrendi effikaċi u effettiva l-esekuzzjoni u r-rimedji effettivi fid-deċiżjoni primali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili";

Wara din l-esposizzjoni tal-punt ta' dritt u ta' fatt, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward, huma dawn:

(a) f'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi; Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjoni. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja;

Dawn it-tliet kategoriji ta' persuni huma kollha leġittimi kontradditturi fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali, li f'dan ir-rigward ukoll hija speċjali, għaliex biex żgurament ikunu kompiti u effikaċi jirrikjedu l-preżenza ta' persuni, li normalment fi proċeduri ordinarji jitħallew barra, għaliex mingħajrhom il-ġudizzju xorta waħda huwa integru. F'azzjoni ta' natura kostituzzjonali ukoll, il-ġudizzju jkunu integru, jekk il-persuni tat-tieni kategorija jitħallew barra mill-kawża, għalkemm jista' jkunu li l-azzjoni tirriżulta ineffikaċi;

Applikati dawn il-prinċipji għall-problema sollevata fil-kawża rigward il-persuni konvenuti mir-rikorrent, jirriżulta illi:

(i) L-Onorevoli Prim Ministru huwa l-persuna li hija kompriża fit-tieni kategorija inkwantu **jekk** għall-grazzja ta' l-argument, l-allegat lament tar-rikorrenti jiġi ppruvat u l-Qorti – billi *si tratta* ta' preġudizzju fi proċeduri kriminali – jidhrilha

li m'hemmx rimedju ieħor ħlief kumpens pekunjarju, huwa l-persuna responsabbli għal dan billi jirrappreżenta r-Repubblika li mill-fondi tagħha jiġi l-kumpens;

(ii) L-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern, huwa ċitat ħażin inkwantu dak li allegatament ġara ssuċċieda waqt proċeduri kriminali li bdew l-inkjesta tal-maġistrati u f'każijiet simili l-Ministru tal-Ġustizzja huma l-persuna tat-tieni kategorija inkwantu dejjem għandu interess li jkun jaf u jara li l-liġijiet u l-proċeduri ġudizzjarji jikkonformaw ruħhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja. Naturalment ukoll, – mhux kif tant drabi ntqal – inkwantu huwa jrid jirrispetta l-indipendenza u l-libertà tal-ġudikanti fl-operat tagħhom. B'daqshekk huwa lliberat mill-ġudizzju għaliex mhuwiex responsabbli għal dak l-operat attiv jew passiv – x'ikun. Kif diġa intqal, din il-kategorija ta' leġittimi kuntradituri ma titlobx kunċett ta' rabta diretta ta' responsabbiltà, imma hija sempliċiment konnessjoni indiretta inkwantu jistgħu jkunu fonti tar-rimedju li l-Qorti tikkontempla;

Billi nżerta li l-Onorevoli Viċi Prim Ministru huwa wkoll Ministru tal-Ġustizzja, għalkemm din il-kwalifika tħalliet barra mir-rikorrenti – xorta waħda, il-preżenza tiegħu fil-kawża hija leġittima;

(iii) Il-Kummissarju tal-Pulizija jappartjeni għat-tielet kategorija msemmija, inkwantu huwa kien **parti** fil-proċeduri kriminali li minnu qed jillamenta r-rikorrent. Fuq din il-preżenza fil-kawża għalhekk, is-sentenza appellata hija korretta mentri l-appell inċidentali huwa għal kollox smarkat għaliex huwa bbażat fuq il-konċett li biex il-Kummissarju tal-Pulizija jkun fil-kawża

jrid ikun hemm, biex "jirrispondi għall-allegazzjoni li tkun qiegħda tiġi attribwita lilu" – mentri xejn m'huwa attribwit direttament lilu – imma nkwantu huwa kien parti fil-kawża l-operat tal-ġudikant, lilu, inevitabbilment u neċċessarjament, se tolqtu ukoll. F'dan il-każ partikolari mbagħad, il-Maġistrat li kien qed jikkonduċi l-kompilazzjoni, fid-9 ta' Mejju, 1986 innomina lill-Avukat Dottor Micallef Stafrace bħala Perit Ġudizzjarju – flimkien ma' oħrajn – fuq talba tal-prosekuzzjoni – ċjoè il-Kummissarju tal-Pulizija – li ried b'daqshekk jagħmel prova għall-prosekuzzjoni, u għalhekk dak li minnu qed jillamenta r-rikorrent, beda bl-operat – talba – li għamel l-istess Kummissarju tal-Pulizija. Dan qed jingħad fid-dawl ta' dak li hemm fl-artikolu 650(i) Kap. 9 li meta jgħid:

"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi orndata perizja";

peress li il-ħtieġa msemmija trid tkun meħtieġa mill-partijiet – jew mill-Prosekuzzjoni jew mid-Difiża, u jew waħda jew l-oħra, tagħmel it-talba;

Is-sentenza appellata ddikjarat li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Viċi Prim Ministru mhumiex il-leġittimi kontraditturi u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju fuq l-sikorta tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru, 1988, fl-ismijiet "Lucien Stafrace *noe et vs* l-Aġent Reġistratur tal-Qrati *et*"; waqt li għal dak li jirrigwarda l-Kummissarju tal-Pulizija ma segwietx l-istess sentenza u qalet hekk:

"Kif tista' l-Qorti, wieħed jistaqsi, tasal biex tiddikjara li

kien hemm jew ma kienx hemm dina l-vjolazzjoni, u jekk ikun il-każ, tagħmel l-ordnijiet neċessarji u tagħti r-rimedji li jistħoqqlu għall-każ mingħajr ma jkunu partijiet f'din il-kawża l-persuni kollha li kienu partijiet fil-kawża l-oħra kriminali?''

Dan huwa korrett għaliex kif intqal – għar-rigward tat-tielet kategorija, il-partijiet kollha tal-kawża li fiha tkun qamet il-kwistjoni kostituzzjonali, huma neċessarjament il-leġittimi kontradittur tal-proċeduri kostituzzjonali li jsegwu;

Issa minn dak li għadu kif ġie kkwotat, l-ewwel Onorabbli Qorti intuwiet u ħasset illi l-kunsiderazzjoni tal-parti rimedjali tal-proċeduri kostituzzjonali ta' din ix-xorta – **mhux biss attwali imma anki potenzjali** – hija dik il-konsiderazzjoni speċjali li tirrendi l-approċċ proċedurali rigward il-leġittimi kontradittur tal-vertenza, inadegwata u inapplikabbli;

Għalhekk, bid-dovut rigward għal dak li rriteniet l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru, 1988, mhuwiex possibbli li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Viċi Prim Ministru jiġi lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju sempliċement għaliex **huma** m'humiex, u ma jistgħux ikunu responsabbli, għall-operat ta' xi qorti jew ta' xi ġudikant;

Il-preżenza tagħhom fil-kawża ma tiddependix unikament minn dan il-**fattur.** Jidher ċar, minn eżami analitiku ta' dik is-sentenza illi din il-Qorti hemmhekk, eżaminat il-kwistjoni minn dan il-lat – u minn dan il-lat biss: Difatti – f'dik il-kawża, ir-rikorrenti kien qed jillamenta li l-kawża tiegħu ma kinitx ġiet mogħtija **smigħ fi żmien raġonevoli** tant illi l-kawża kienet bdiet fl-1978 u għalkemm differita għas-sentenza fit-30 ta' Ġunju, 1980

– kienet għadha ma nqatgħetx fit-22 ta' Lulju, 1988. L-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex huwa persuna leġittima biex joqgħod f'kawża li tinteressa d-dipartiment tiegħu **biss** u billi ma jistax jingħad li l-kawża tirrigwarda n-nuqqas ta' imħallfin li jagħtu sentenza – u din ma taqax fil-funzjonijiet tad-dipartiment tiegħu, allura mhuwiex il-leġittimu kontradittur. Manifestament dik is-sentenza rrestrinġiet l-ottika tagħha għall-kwistjoni **tar-responsabbiltà** għall-att anti-kostituzzjonali lamentat, mentri l-verità hi, li f'dawn il-proċeduri ta' natura kostituzzjonali hemm żewġ aspetti li mhux neċessarjament ikunu konnessi – ir-responsabbiltà ma tkunx neċessarjament konnessa mar-rimedju – ċjoè l-att anti-kostituzzjonali jista' jkun kommess minn persuna, waqt li r-rimedju jew il-miżuri rimedjali jiġu pretiżi minn ħaddieħor. Difatti r-rimedju jista' jintalab u jittieħed mingħand il-persuna – anki fiżika, li tkun ikkommettiet il-leżjoni u kemm minn xi wieħed mill-organi statali jew mill-Istat – *tout court* – u għalhekk, dawk il-persuni li jirrappreżentaw dawn il-fonti rimedjali qatt ma jista' jingħad li mhumiex **il-leġittimi kontradditturi** – anki meta mhumiex responsabbli bl-ebda mod, għall-misfatt kostituzzjonali u m'għandhom assolutament ebda possibbilità li jinfluwenzaw b'xi mod dak il-misfatt. Dan qed jingħad b'mod **assolut**, għalkemm ir-realtà – daqstant ieħor – assolutament – tkun **dejjem** mod ieħor. Per eżempju – fil-każ tad-dewmien biex tingħata sentenza – il-Qorti ma tkunx qed timrah fl-imaġinattiv meta tgħid, li **parti** almenu mit-tort ta' dak id-dewmien kien dovut għan-numru eċċessiv ta' kawżi li mħallfin suċċessivi, kellhom, fis-snin li damet il-kawża, fattur dan illi xi ftit jew wisq huwa attribwibbli għall-amministrazzjoni ta' l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u mhux biss esklussivament għan-nuqqasijiet ta' l-Imħallfin – kif

sempliċement donnu tirritjeni dik is-sentenza;

Ma jidhirx li hemm bżonn li jingħad aktar fuq dan il-punt preliminarju biex il-Qorti turi għaliex hija taqbel ma' dak li għamel ir-rikorrenti meta ħarrek lill-intimati li hemm fil-kawża;

Rigward il-mertu – ftit hemm x'jingħad. Dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti huwa korrett: Ir-rikorrenti fid-9 ta' Mejju, 1986, meta ġie rreġistrat illi:

''Il-Qorti (tal-Maġistrati)

Tikkonferma fin-nomina magħmula mill-Maġistrat Inkwerenti lill-Ispettur Nicholas Ciappara, lill-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace u Joseph Zammit u l-perit Richard Aquilina sabiex iżomm aċess fuq il-post in kwistjoni **biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ''**;

Kellu kull opportunità li jopponi dawn in-nomini għaliex il-persuni nominati setgħu jiġu minnu (jew, **ta' min jinnota**, mill-Kummissarju tal-Pulizija) rikużati: (artikoli 651 Kap. 9 u 734 Kap. 12) u la huwa ma għamilx użu mill-mezz ta' possibbli rimedju li tagħtih il-liġi ordinarja, kontra dak li minnu qed jillamenta, ma jistax imbagħad – wara li jħalli l-proċeduri kollha mexjin sakemm kważi waslu fl-aħħar – jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali – mingħajr ma jkun qiegħed juri b'daqshekk dik in-nonkuranza u nuqqas ta' viġilanza għad-drittijiet fundamentali, li l-Qorti tingħata d-diskrezzjoni li tiġġudika li ma ħaqqux tutela ta' dak id-dritt, in kwantu issa jkollha d-dover li tittutela drittijiet oħra ġenerali u daqstant ieħor fundamentali;

Il-Qorti tosserva li r-rikorrent jillamenta min-nomina ta' l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace billi dan kien diġa ġie nominat fl-Inkjesta Maġisterjali u kien irraporta sfavorevolment għar-rikorrent, mentri ma qal xejn għan-nomina – ħafna aktar oġġezzjonabbli, ta' l-Ispettur tal-Pulizija Nicholas Ciappara bħala perit legali f'kawża li fiha, il-Kummissarju tal-Pulizija – is-superjuri tiegħu, huwa l-parti kuntrarja fil-proċess;

16. Għaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tirriforma s-sentenza appellata nkwantu din aċċettat li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern mhumiex il-leġittimi kontradittur tar-rikorrent u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju – mentri invece dawn huma l-leġittimi kontradittur tal-vertenza flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija – u għalhekk tiċħad l-appell inċidentali ta' l-intimati – tikkonfermaha għal bqija inkwantu fil-mertu, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda inkwantu dik il-Qorti rrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha billi hija sodisfatta, li r-rikorrenti kellu mezzi xierqa ta' rimedju imma ma adoperahomx;

Bl-ispejjeż ta' l-ewwel istanza, u dawk ta' l-appell jibqgħu bla taxxa, inkwantu l-eċċezzjoni preliminari spiċċat biex okkupat spazju daqs l-istess mertu tar-rikors.